# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Gimgha, 10 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Nru: 69/2023 ISB**

**Mark Ciappara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 555482(M), fil-kapacita' tieghu ta' stralcjarju tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Mark Ciappara bhala stralcarju tas-socjeta` MFI Munich Finance and Investment Limited** tas-7 Novembru 2023 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tordna li jezistu ragunijiet validi bizzejjed sabiex, ai termini u ai finijiet kollha tal-artikolu 275(1) tal-Kap.*

*386 tal-Ligijiet ta' Malta, tigi differita d-data, ossija t-18 ta' Novembru 2023, li fiha l-isem tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) ghandu jithassar mir-registru tal-kumpanniji ghal dak iz-zmien li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, liema zmien preferibbilment ma ghandux ikun qabel il-31 ta' Dicembru 2023 ghar-ragunijiet imsemmija f'dan ir-rikors;*

2. *Tiddifferixxi d-data, ossija t-18 ta' Novembru 2023, li fiha l-isem tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) ghandu jithassar mir-registru tal-kumpanniji ghal dak iz-zmien li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq (preferibbilment mhux qabel il-31 ta' Dicembru 2023) u dan ai termini tal-proviso tal-Artikolu 275(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u taht dawk il-kondizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti tista' taghmel, jekk ikun il-kaz;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jibghat kopja ta' tali ordni lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni tal-istess ordni ta' differiment tad-data u dan ai termini ta-Artikolu 275(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 275(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-kumpannija rikorrenti, ossija jiddifferixxi t-thassir tal-isem tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) mir-Registru tal-Kumpanniji ghal dak iz-zmien hekk ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

5. *Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi dan huwa rikors li qed isir ai termini u ghall-finijiet tal-artikolu 275 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta), senjatament il-proviso tal-artikolu 275(1) tal-Kap. 386, ghad-*

*differiment ossija estensjoni tad-data li fiha l-isem tal-kumpannija msemmija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) [minn issa 'l quddiem 'MFI'], li taghha r-rikorrenti huwa l-istralcjarju, ghandu jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji [minn issa 'l quddiem ir-'Registru'];*

*Illi qabel xejn l-esponenti umilment u bir-rispett jirrileva li r-raguni tal-urgenza ta' dan ir-rikors tinsab fil-fatt li, hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem, l-isem tal-kumpannija MFI ghandu jithassar mir-Registru fit-18 ta' Novembru 2023 u allura ftit tal-granet biss ohra mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors;*

*Illi MFI hija socjeta' privata limitata stabbilita taht il-Ligijiet ta' Malta u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji fit-30 ta' Awwissu 2012 bin-numru ta' registrazzjoni C57401 u b'indirizz registrat ta' Level 4, Whitehall Mansions, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex XBX 1023, Malta, u dan kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Registrazzjoni mahrug taht il- Kap. 386 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A");*

*Illi b'effett mill-1 ta' Ottubru 2021 MFI giet xolta u konsegwentement tpoggiet fi process ta' stralc volontarju tal-membri u dan permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija datata 30 ta' Settembru 2021 li biha gie rizolt li l-kumpannija ghandha xxolji u konsegwentement tkun stralcjata volontarjament (kopja ta' tali rizoluzzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. B");*

*Illi l-esponenti Mark Ciappara gie mahtur bhala stralcjarju ta' MFI hekk kif jirrizulta mill-istess rizoluzzjoni;*

*Illi in osservanza tad-d0veri tieghu bhala stralcjarju fl-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu, hekk kif l-affarijiet tal-kumpannija gew stralcjati finalment, l-esponenti ghamel rendikont tal-istralc, hekk kif rikjest mill-artikolu 274 tal-Kap. 386, li juri kif tmexxa l-istralc u kif il-proprjeta' tal-kumpannija giet disposta, u ghadda wkoll sabiex ghamel skema ta' distribuzzjoni (kopja ta' tali rendikont u skema ta' distribuzzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. C"). Tali rendikont gie verifikat minn awdituri mahtura b'rizoluzzjoni tal-kumpannija (sussegwentement mibdula stante li d-ditta ta' awditjar*

*koncernata inghaqdet ma' ditta ohra – kopja tar-rizoluzzjoni relattiva hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. D"). Ir-rendikont tal-istralc u l-iskema ta' distribuzzjoni, flimkien mar-rapport tal-awdituri gew approvati permezz ta' risoluzzjoni datata 6 ta' April 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. E");*

*Illi sussegwentement fit-18 ta' Awwissu 2023 (entro t-terminu rikjest mil-ligi ta' sebat (7) ijiem wara l-laqgha generali), l-esponenti ssottometta lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja tar-rendikont u tal-iskema tad-distribuzzjoni, flimkien mar-rapport tal-awdituri u prospett tal-laqgha generali tal-kumpannija (kopja tal-avvizi relattiva hija hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. F");*

*Illi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni sottomessi mill-esponenti lir-Registratur tal-Kumpannija, gew registrati mill-istess Registratur u gew ukoll pubblikati minnu fil-Gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Awwissu 2023;*

*Illi konsegwentement, b'applikazzjoni tal-artikolu 275(1) tal-Kap. 386, fit-18 ta' Novembru 2023 ir-Registratur tal-Kumpanniji ser jghaddi sabiex ihassar l-isem tal-kumpannija MFI minn fuq ir-Registru ossija malli jghaddu tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi;*

*Illi ai termini tal-proviso tal-artikolu 275(1) tal-Kap. 386, il-Qorti tista', fuq rikors maghmul fi zmien it-tliet xhur imsemmija (ossija sat-18 ta' Novembru 2023) mill-istralcjarju jew minn xi persuna ohra li fil-fehma tal-qorti jkollha interess, taghmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija ghandu jithassar mir-registru ghal dak iz-zmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla hsara ghal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista' taghmel;*

*Illi l-esponenti qieghed proprju jaghmel tali talba permezz tal-prezenti rikors u dan ghar-ragunijiet li gejjin u tenut kont tac-cirkostanzi hawn esposti:*

*(i) L-azzjonista unika tal-kumpannija MFI hija l-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Holding Limited (C57298) [minn issa 'l quddiem 'MMFIH'] (kopja tal-estratt relattiv hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. G");*

*(ii) Il-kumpannija MMFIH giet ukoll xolta u mpoggija fi stralc volontarju tal-membri taghha fil-31 ta' Dicembru 2022 (kopja tar-rizoluzzjoni u estratt relattiv hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. H");*

*(iii) L-azzjonista unika tal-kumpannija MMFIH hija s-socjeta' Comino Beteiligungen GmbH, socjeta' estera inkorporata taht il-Ligijiet tal-Germanja bin-numru ta' registrazzjoni HRB 199909 u b'indirizz registrat ta' Bavariafilmplatz 7, Gebäude 71 A, Grünwald, Bayern 82031 fil-Germanja (kopja tal-estratt relattiv hawn annessa u mmarkat bhala "Dok. I");*

*(iv) L-attivita' kummercjali ewlenija ta' MFI kienet dik li zzomm u tamministra portafoll ta' investimenti ghan-nom taghha stress (kopja tal-memorandum and articles of association tal-kumpannija tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. J");*

*(v) MFI, fost l-ohrajn, kellha investiment fis-socjeta' Wirecard AG, socjeta' estera inkorporata taht il-Ligijiet tal-Germanja bin-numru ta' registrazzjoni HRB 169227 u b'indirizz registrat ta' Einsteinring 35, 85609 Aschheim fil-Germanja u li llum tinsab fi proceduri ta' insolvenza, liema investiment kien konsistenti minn hamsin elf (50,000) sehem fl-istess socjeta' Wirecard AG (dokument relattiv konsistenti minn lista li turi tali investimenti u dokumenti relattivi jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. K");*

*(vi) Dan l-investiment, ossija 50,000 sehem fis-socjeta' Wirecard AG, inbiegh minn MFI fuq is-suq f'zewg partijiet – fit-18 ta' Gunju 2020 inbieghu tnax-il elf (12,000) sehem ghall-prezz ta' hamsa u tletin ewro (€35.00) kull sehem u fil-25 ta' Gunju 2020 inbieghu ir-rimanenti tmienja u tletin elf (38,000) sehem ghall-prezz ta' zewg ewro u hamsin centezmu (€2.50) kull sehem;*

*(vii) L-awdituri ta' s-socjeta' imsemmija Wirecard AG huma Ernst & Young GmbH;*

*(viii) Lejn l-ahhar ta' Settembru 2023 (ossija wara li kien inbiegh l-investiment msemmi u wkoll wara li MFI giet xolta u l-avviz relattiv kif spjegat fid-dettall hawn qabel gie pubblikat mir-Registratur tal-Kumpanniji), l-istralcjarju esponenti gie infurmat li tezisti possibilta' ta' azzjoni ghal prattici hziena ('malpractice') li tista' tigi intavolata minn MFI fil-konfront ta' Ernst & Young GmbH fil-Germanja;*

*(ix) Fil-fatt l-istralcjarju esponenti gie infurmat li grupp iehor ta' kumpanniji kien rnexxielhom jezegwixxu prokura sabiex jinghaqdu fi class action ibbazata fuq l-istess pretensjonijiet, izda MFI ma rnexxilhiex tinghaqad ma' tali kumpanniji fil-hin u tippartecipa f'tali azzjoni;*

*(x) In vista ta' dan kollu, partikolarment tad-dritt ta' azzjoni li MFI jista' ghandha fil-konfront ta' Ernst & Young GmbH fil-Germanja, MFI qieghdha prezentement f'diskussjonijiet mal-konsulenti taghha dwar il-possibilita' li titrasferixxi jew tassenja lil xi entita' ohra fl-istess grupp ta' kumpanniji li MFI taghmel parti minnu kwalunkwe pretensjonijiet li hija jista' ghandha kontra Ernst & Young GmbH u dan sabiex tali pretensjonijiet u/jew drittijiet ta' azzjoni konnessi mal-istess pretensjonijiet ma jintilfux;*

*(xi) F'dan il-kuntest, ir-raguni ghaliex MFI qed tikkunsidra u tesplora l-possibilita' ta' trasferiment jew assenjazzjoni kif hawn qabel espost hija sabiex ma jitharbatx il-process tal-istralc taghha li issa nbeda u sahansitra kwazi gie finalizzat (bl-isem taghha li ser jigi mhassar mir-Registru imminentement fit-18 ta' Novembru 2023) u tigi evitata l-htiega li jerga' jinfetah ir-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni;*

*(xii) Ciononostante, tali diskussjonijiet in relazzjoni ma' dak appena espost mhux possibbli li jigu finalizzati sat-18 ta'*

*Novembru 2023 u ghalhekk MFI jehtigilha aktar zmien sabiex tindirizza din il-kwestjoni qabel ma l-isem taghha jigi mhassar mir-Registru.*

*Illi finalment l-esponenti jissottometti wkoll u jikkonferma illi ma hemm l-ebda kredituri terzi li huma dovuti ammonti minn MFI u ghalhekk l-estensjoni jew id-differiment tad-data li fiha l-isem tal-kumpannija ghandu jithassar mhu ser jirreka l-ebda pregudizzju lil terzi.*

**Tqis**:

Illi l-azzjoni odjerna hija maghmula ai termini tal-**275(1) tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid precizament hekk:

*275. (1) Malli jirċievi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-każ, flimkien mar-rapport tal-awdituri u wieħed mill-prospetti imsemmija fl-artikolu 274(2), ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.*

*Iżda l-qorti tista', fuq rikors magħmul fi żmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralċjarju jew minn xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru għal dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista' tagħmel.*

Is-sub inciz (2) tal-istess Artikolu mbaghad ighid hekk:

*(2) Meta l-qorti tagħmel ordni taħt il-proviso għas-subartikolu (1), ir-Reġistratur tal-Qrati għandu minnufih jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u r-Reġistratur għandu jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) skont l-ordni mill-qorti kif imsemmi f' dak is-subartikolu.*

**Tqis Ulterjorment:**

Illi minn qari tal-provvediment kkwotat, u li a bazi tieghu sar ir-rikors odjern, huwa mehtieg illi jissussistu is-segwenti elementi:

a) Illi ma jkunux ghaddew it-tlett xhur mill-pubblikazzjoni tal-Avviz maghmul mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 401(1) (e) tal-KAP 386;

b) Illi r-rikors jkun intavolat appuntu f'dan l-istess perjodu ta' tlett xhur msemmija;

c) Illi r-rikors ikun intavolat mill-istralcarju jew minn persuna ohra illi l-Qorti tkun tal-fehma illi ghandha interess;

Illi una volta illi jissussistu dawn it-tlett elementi, allura il-Qorti tista', fuq it-talba maghmula, tiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru u dan taghmlu għal dak iż-żmien u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa.

Finalment, jekk il-Qorti taghti ordni bhal dan, allura r-Registratur tal-Qrati ghandu minnufih jibghat kopja ta' tali provvediment lir-Registratur għar-registrazzjoni u r-Registratur għandu jiddifferixxi d-data tat-thassir tal-isem tal-kumpannija fit-termini tal-provvediment illi jkun gie bih notifikat.

**Tqis ulterjorment:**

Illi jkun ghalhekk qabel xejn ghaqli illi l-Qorti tara humiex sodisfatti t-tlett rekwiziti hawn fuq elenkati sabiex tqis dan ir-rikors maghmul validament u skond il-ligi.

FL-ewwel lok, il-Qorti tirreferi ghal DOK F(2) esebit mar-rikors promotur minn fejn jirrizulta illi Avviz maghmul mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 401(1) (e) tal-KAP 386 igib id-data tat-18 ta' Awissu 2023. B'hekk, huwa pacifiku jinghad illi t-tlett xhur jiskadu fit-18 ta' Novembru 2023, u allura, la ghadhom ghaddew it-tlett xhur illum u

wisq anqas meta gie pprezentat ir-rikors. B'hekk huma sodisfatti l-ewwel zewg rekwiziti.

Fit-tieni lok, jinghad illi huwa ukoll sodisfatt it-tielet rekwizit, in kwantu illi r-rikors huwa ntavolat mill-stralcarju. In kwantu hekk, il-Qorti ma thoss illi hawnekk ghandha tidhol f'min, fil-fehma taghha, jista' jkun persuna illi jkollu interess. Gja la darba il-ligi ssemmi espressament lill-istralcarju u appuntu huwa l-istralcarju illi ntavola dan ir-rikors, allura l-Qorti tqis illi dan ir-rekwizit huwa wkoll sodisfatt.

B'hekk, il-Qorti tqis illi ma hemmx kwistjonijiet fuq il-validita' tal-procedura mehuda mill-istralcarju u sejra tikkunsidra ulterjorment.

**Tqis ulterjorment:**

Illi qabel xejn, mill-atti pprezentati, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita illi l-istralcarju rikorrent mexa' b'kawtela u b'galbu fix-xoghol u t-twettieq tal-funzjonijiet tieghu ta' stralcarju tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C 57401). Anzi, il-fatt illi wasal biex intavola dan ir-rikors imur biex jikkonferma kemm l-inkarigu tieghu qed iwettqu b'diligenza u attenzjoni.

Issa l-ligi ma tghidx u ma tirrikjedix illi l-Qorti taghmel xi analzi profonda dwar jekk dak premess ghandux iwassal biex il-Qorti takkolji o meno it-talbiet illi jsiru. Li tghid il-ligi hu illi l-Qorti "*tista*" tilqa' jew ma' tilqax tali talbiet. Gja la darba l-ligi poggiet il-piz tad-decizjoni fuq il-Qorti u fid-diskrezzjoni taghha u ma kinitx tassittiva, il-Qorti tqis illi jispetta lilha illi tara illi almenu jirrizultaw ragunijiet sodisfacenti u sodisfacentament ippruvati illi ghandhom iwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet jekk ikun il-kaz.

Li huwa zgur hu illi l-Qorti hija certament marbuta illi tiddeciedi rikors bhal dan b'espeditezza u minghajr dewmien minhabba t-termini qosra imposti u mhix marbuta illi tisma' lir-rikorrent jew lir-Registratur tal-Kumpanniji, tant illi lanqas ma l-ligi tobbligaha illi zzomm seduta biex tisma' l-partijiet qabel ma tasal ghad-decizjoni taghha.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti thossha komda tiddeciedi fuq it-talbiet a bazi tal-provi dokumentali mehmuza mar-rikors promotur u minghajr ma zzom seduti u/jew tisma' lir-rikorrent u/jew lir-Registratur tal-Kumpanniji.

**Tqis Ulterjorment:**

Illi fil-kaz odjern, ittiehdu l-proceduri kollha idoneji u skond il-ligi biex l-istralcarju kkompleta l-inkarigu tieghu u wasal biex anke ssottmetta l-inkartament relattiv ghas-socjeta' li kienet giet xjolta biex din tigi stralcjata u mnehhija minn fuq ir-Registru.

Issa, in succint jirrizultaw is-segwenti fatti:

(i) Is-socjeta` MFI Munich Finance and Investment Limited (C-57401) (aktar il-quddiem msejjha **MFI**) bdiet process ta' stralc volontarju. L-attivita' kummercjali ewlenija taghha kienet dik li zzomm u tamministra portafoll ta' investimenti ghan-nom taghha stess u ma jirrizultax illi hemm kredituri bi pretensjonijiet fil-konfront taghha.

(ii) Illi r-rikorrent kien l-istralcarju kif mahtur bl-istess rizoluzzjoni mehuda mill-kumpannija.

(iii) Illi MFI kellha azzjonist wiehed u uniku, cioe` l-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Holding Limited (C57298) (aktar l-isfel msejjha **MMFIH**).

(iv) Il-kumpannija **MMFIH** giet xjolta ukoll u mpoggija fi stralc volontarju.

(v) Illi **MMFIH** kellha azzjonista wiehed u uniku ukoll, cioe`, is-socjeta' Comino Beteiligungen GmbH, socjeta' estera inkorporata taht il-Ligijiet tal-Germanja.

(vi) Jirrizulta illi **MFI**, fost l-ohrajn, kellha investiment fis-socjeta' Wirecard AG, socjeta' estera inkorporata taht il-Ligijiet tal-Germanja u li llum tinsab fi proceduri ta' insolvenza, liema investiment kien konsistenti minn hamsin elf (50,000) sehem fl-

istess socjeta' Wirecard AG, li sussegwentament ibiegh fis-suq f'zewg partijiet, f'Gunju 2020.

(vii) Illi l-awdituri ta' s-socjeta' imsemmija Wirecard AG huma Ernst & Young GmbH.

(viii) Illi lejn l-ahhar ta' Settembru 2023, allura wara li kien sar l-avviz relattiv tat-18 ta' Awissu 2023, l-istralcjarju esponenti gie infurmat li tezisti possibilta' ta' azzjoni ghal prattici hziena ('malpractice') li tista' tigi intavolata minn **MFI** fil-konfront ta' Ernst & Young GmbH fil-Germanja. Fil-fatt jifdher illi nbeda process biex issir class action bbazata fuq l-istess pretensjonijiet, izda sa issa MFI ghadha mhix partecipi.

*(ix)* Jirrizulta ukoll, kif dikjarat mill-istralcarju, illi **MFI** qieghda prezentement f'diskussjonijiet mal-konsulenti taghha dwar il-possibilita' li titrasferixxi jew tassenja lil xi entita' ohra fl-istess grupp ta' kumpanniji li **MFI** taghmel parti minnu kwalunkwe pretensjonijiet li hija jista' ghandha kontra Ernst & Young GmbH u dan sabiex tali pretensjonijiet u/jew drittijiet ta' azzjoni konnessi mal-istess pretensjonijiet ma jintilfux. Jispjega l-istralcarju illi r-raguni ghaliex MFI qed tikkunsidra u tesplora l-possibilita' ta' trasferiment jew assenjazzjoni tad-drittijiet taghha hija sabiex ma jitharbatx il-process tal-istralc taghha li issa nbeda u sahansitra kwazi gie finalizzat u tigi evitata l-htiega li jerga' jinfetah ir-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni.

(x) Jirrizulta ghalhekk illi huwa mehtieg ftit aktar zmien sabiex dan l-akkordju jintlahaq qabel ma isem **MFI** jigi mhassar minn fuq ir-Registru.

## Tqis Ulterjorment:

Illi fl-isfond ta' dawn il-fatti kif jirrizultaw, il-Qorti jidhrilha illi jkun oppportun illi tilqa' t-talbiet illi tressqu. Il-Qorti trid tirrikonoxxi l-ghaqal tal-istralcarju anke fil-fatt tad-decizjoni mehuda illi jigu trasferiti d-drittijiet illi jista' ghandha **MFI** sabiex l-istralc taghha ikun jista' jinghalaq xorta wahda

minghajr dewmien u jkun evitat il-ftuh mill-gdid tar-rendikont u skema ta' distribuzzjoni.

Il-Qorti tqis ukoll illi jekk hemm possibbilita' ta' rkupru ta' xi telf, partikolarment jekk hemm jew jirrizulta illi hemm eghmil/prattici hziena ta' terzi li setghu ppregudikaw lill-kumpannija, allura hija ma ghandiex ittellef din il-possibilita`.

**GHALDAQSTANT**, ghal dawn ir-ragunijiet u bl-applikabilita' tal-Artikolu 275 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet kif imressqa mir-rikorrent Mark Ciappara fil-kapacita' tieghu ta' stralcarju ta' MFI Munich Finance and Investment Limited (C-57401) bir-rikors tas-7 ta' Novembru 2023, fis-sens illi:

1. **Tiddikjara** li jezistu ragunijiet validi bizzejjed sabiex, ai termini u ai finijiet kollha tal-Artikolu 275(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tigi differita d-data, ossija t-18 ta' Novembru 2023, li fiha l-isem tal-kumpannija **MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401)** ghandu jithassar mir-registru tal-kumpanniji.

2. **Tiddifferixxi** d-data li fiha l-isem tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) ghandu jithassar mir-registru tal-kumpanniji, ossija t-18 ta' Novembru 2023, sa' l-<u>ahhar jum ta' Mejju tas-sena elfejn u erba' u ghoxrin (31.05.2024)</u>, b'dan illi r-rikorrent qed jigi ordnat illi f'kaz illi l-ftehim ta' trasferiment jew assenjazzjoni tad-drittijiet ta' MFI jigi konkluz qabel, allura huwa ghandu javza lir-Registratur tal-Kumpanniji b'dan u b'hekk ir-Registratur tal-Kumpanniji jkun jista' jghaddi ghat-thassir tal-isem ta' MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) minnufih wara tali avviz.

3. **Tiddikjara,** illi filwaqt illi r-rikorrent talab illi d-differiment ma jkunx ghal qabel l-ahhar tas-sena kurrenti, il-Qorti akkordat hames xhur fis-sena l-gdida, jidhrilha zmien bizzejjed ghall-konkluzjoni ta' tali ftehim, u ghalhekk mhux ser ikun hemm lok ghal aktar estensjonijiet/differimenti tad-data tat-tnehhija ta' isem il-kumpannija minn fuq ir-Registru a bazi ta' din l-istess raguni.

4. **Tordna**, ai termini ta-Artikolu 275(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jibghat kopja ta' dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni tal-istess ordni ta' differiment tad-data.

5. **Tordna** ghalhekk lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 275(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-kumpannija rikorrenti, ossija jiddifferixxi t-thassir tal-isem tal-kumpannija MFI Munich Finance and Investment Limited (C57401) mir-Registru tal-Kumpanniji kif hawn fuq ordnat.

Spejjes ta' din il-procedura ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**